MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 28/2003/1

**Carmelo Stivala**

**Vs**

**Mediterranean Technical Services Ltd.**

Il- Bord,

Ra r- rikors ta’ Carmelo Stivala fejn jesponi b’ rispett:

Illi l- esponent jikri lill- intimata il- fond maghruf bhala MTS showroom, Valley Road, Birkirkara (liema fond originalment inkera b’ skrittura privata datat 24 tqa’ Lulju 1978) bil- kera ta’ Lm 657 (eskluz VAT) kull sitt xhur l-iskadenza li jmiss jghalaq fl- 24 ta’ Lulju 2003.

Illi l- imsemmija intimata ghamlet hafna hsara fil- fond, liema raguni jintitolaw lis- sid jirriprendi l- pussess vojt tal-istess fond.

Ghaldaqstant l- esponenti bir- rispett kollu jitlob li dan il-Bord jghogbu jawtorizzah sabiex jirriprendi l- pussess battal tal- imsemmi fond MTS showroom, Valley Road, Birkirkara fi tmiem l- lokazzjoni korrenti, u ghaldaqstant jordna l- izgumbrament tal- intimata mill- imsemmi fond.

Ra r- risposta tas- socjeta intimata Mediterranean Technical Services Limited fejn tesponi b' rispett:

Illi m' huwiex minnu li s- socjeta esponenti ghamlet hafna hsara fil- fond mgharuf bhala MTS Showroom, Valley Road, Birkirkara mikri lilha bil- kera ta' sitt mija sebgha u hamsin liri Maltin (LM657) kull sitt xhur u dan skond kif jigi ppruvat waqt it- trattazjoni tar- rikors odjern;

Illi il- fond de quo jinsab fi stat tajjeb ta' manutenzjoni kif jirrikjedi l- iskop li ghalih jinkera, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tar- rikors;

Ghaldaqstant it- talbit tar- rikorrenti ghar- ripreza tal-pusses battal tal- imsemmi fond, u sabiex jigi ordnat l-izgumbrament tas- socjeta intimata mill- istess ghandhom jigu michuda bl- ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Sema x' xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u id- dokumenti kollha.

Ra d- digriet tieghu tad- 29 ta' Settembru 2003 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l- AIC John Sciberras.

Ra r- relazzjoni tal- imsemmija periti teknici.

Ra l- verbal tal- 14 ta' Ottubru 2004.

Ikkonsidra,

1. Wara li ghamlu access fuq il- fond skond il- pjanti esebiti u __________ bid- dettall waslu ghall- konkluzzjoni li “l- fond huwa mizmumm fi stat ragonevoli” u ma sabux hsara ta’ natura strutturali.” Din hija il- haga ____________ li ghandu quddiemu l- Bord u li hu marbut biha.

2. Ir- relazzjoni twaqqa’ ghal kollox il- kawzali li fuqha r-rikorrent qed isejjes it- talba tieghu biex jerga’ jiehu f’ idejh il- fond.

3. Billi ma tirrizultax il- hsara kbira li ssemmi l- ligi specjali l- Bord jichad it- talba tar- rikorrent bl- ispejjez kontrih. Ir-relazzjoni tal- periti tghamel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------